MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 296/2009

**A B C bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri D C nominata b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2009**

**-vs-**

**E C;**
**F G; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi A B C u l-intimat E C zzewgu f'Malta fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999). Illi A B C u l-intimat E C sseparaw *de facto* fit-18 ta' Mejju tas-sena 2007, filwaqt illi fit-18 ta' Gunju tas-sena 2009, A B C welldet lit-tarbija minuri bl-isem ta' D kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dokument A;

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri gie dikjarat illi missier it-tarbija kien l-intimat E C, fil-fatt il-minuri D gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni li A B C kellha mal-intimat l-iehor F G (certifikat tat-twelid ta' F G hawn anness u mmarkat Dokument B);

Illi l-paternita' tal-minuri D giet stabbilita permezz ta' testijiet genetici apposta illi qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dokument C;

Illi ghalhekk l-intimat E C m'huwiex il-missier naturali tal-minuri D, izda huwa l-intimat l-iehor F G li huwa l-missier naturali tal-istess minuri;

Illi r-rikorrenti *nomine* taf b'dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi t-tarbija li twieldet lir-rikorrenti *nomine* nhar it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), bl-isem ta' D, m'hijiex il-wild naturali tal-intimat E C izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor F G;

Tawtorizza u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri D illi ghandu n-numru progressiv t'iskrizzjoni elfejn, mitejn u sitta u ghoxrin tas-sena elfejn u disgha (2226/2009) sabiex il-paternita' tal-istess minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att u dan billi:

1. Fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew l-ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom 'C' u tbiddlu bil-kunjom 'G' sabiex id-dettalji f'din il-kolonna jigu jaqraw kif imiss: 'D G';

2. Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier D tikkancella l-isem 'E C' u tbiddlu bl-isem 'F G';

3. Fil-kolonna fejn hemm indikat id-dokument tal-identita' ta' missier D flok '0509764M Maltese ID Card Number' jitnizzel '0346266M Maltese ID Card Number';

4. Fil-kolonna fejn hemm indikat eta' ta' missier D flok '44' jitnizzel '42';

5. Fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tat-twelid ta' missier D tibqa' 'Sliema Malta';

6. Fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tar-residenza ta' missier D flok 'Sliema Malta' jitnizzel 'St. Julian's Malta';

7. Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, u jekk hux (haj) jew mejjet (missier il-missier tat-tarbija), flok 'H E C (dead)' jitnizzel 'J G (alive)';

8. Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom omm D tikkancella il-kliem 'the said' sabiex id-dettalji f'din il-kolonna jigu jaqraw kif imiss: 'A B C nee' I wife of E C';

U tawtorizza u tordna

9. Kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-initmati, li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament, l-esponent jistqarr li huwa m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat, kwindi dwar il-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-atti probatorji u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi madanakollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, biex tirnexxi din l-azzjoni jehtieg li jigi pprovat li l-pussess ta' stat tal-minuri D C ma jaqbilx mal-istat li jaghtih l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr hsara ghas-surriferit dejjem f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem E C, senjatament taht il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm u ta' min ghamel id-dikjarazzjoni, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2266 tas-sena 2009;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

BL-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' F G li permezz taghha huwa, filwaqt li jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici, jammetti t-talbiet attrici u jhoss illi fl-interess tal-istess minuri D C, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza A B C ghan-nom ta' binha minuri D C qed titlob illi jigi korrett l-Att tat-Twelid tal-istess minuri stante li fil-fatt il-minuri huwa wild naturali ta' F G u mhux ta' zewgha E C.

Mill-provi prodotti, specjalment mir-rizultati tal-ezamijiet xjentifici konfermati bil-gurament minn Dr. Renald Blundell f'Malta u Dr. Burkhard Rolf fil-Germanja, jirrizulta li t-talba tal-istess attrici hija gustifikata u qed tigi milqugha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara li l-minuri D li twieled fit-18 ta’ Gunju 2009, m’huwiex wild E C izda huwa wild naturali ta’ F G;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 2226/2009 fil-kolonna bid-dettalji tal-missier tat-tarbija jithassru l-konnotati ta’ E C u jitnizzlu minflok id-dettalji ta’ F G, Nru. Tal-Karta tal-Identita’ 0346266(M), tal-eta’ ta’ tnejn u erbghin sena, imwieled Sliema Malta u residenti St. Julian’s Malta, iben J G, haj. Fil-kolonna bil-konnotati tal-omm ghandhom jithassru l-kliem “*the said*”.

L-ispejjez jithallsu minn A B C.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------